

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.5873 – Advent/DFS Furniture Company)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
**(2010/C 119/06)**

1. Fis-27 ta' April 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Advent International Corporation ("Advent", l-Istati Uniti tal-Amerika), akkwistat skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tal-KE, l-impriża DFS Furniture Company (ir-Renju Unit) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - Advent: ekwità privata,
  - DFS Furniture Company: manifattura u bejgħ bl-imnut tal-għamara.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5873 – Advent/DFS Furniture Company, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").